# BORD TAL-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 6 ta' April 2001**

**Rikors numru 14/99**

**Numru 40**

**Agent Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Leslie Grech f'ismu proprju u ghan-nom tal-assenti Anthony Grech; u b'digriet tas-16 ta' Gunju 2000 jizdiedu l-kliem "u l-assenti Maria Grech u l-Monsinjur Maurice Grech", Mary Grech u David Grech f'ismu proprju u ghan-nom tal-assenti Christopher Grech u Dorothy Higgins**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta:

1. Illi b'ittra ufficjali tas-16 ta' April 1998 l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 11, Triq it-Torri, Valletta, li kien gie akkwistat

mill-awtorita kompetenti b'titolu ta' pussess u uzu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Attard li jgib id-data tas-6 ta' Frar, 1954, u li ghalih l-istess Agent Kummissarju tal-Artijiet qed ihallas is-somma ta' tnax-il Lira Maltija (Lm12) fis-sena bhala "acquisition rent" huwa ta' tlett mija sitta u tletin Liri Maltin (Lm336), li kif jidher mir-rapport tal-perit Mario Cilia A.&C.E. datat 24 ta' Marzu 1998 li estratt tieghu gie notifikat lill-intimat ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

2. Illi b'ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jissottomettu li l-kumpens xieraq u dovut skond il-ligi ghal l-imsemmi fond huwa ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000.00).

3. Illi b'cedola ta' depozitu pprezentata fl-4 ta' Awissu 1998 gie depozitat il-kumpens offert ta' tlett mija u sitta u tletin Liri Maltin (Lm336.00,0) ghal fond fuq deskritt u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kap 88.

4. Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero', ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

Talab bir-rispett li dan il-Bord jiffissa l-kumpens relattiv ghall-fond fuq imsemmi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra d-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors (fol 4 sa 13 tal-atti).

Ra id-digriet tas-16 ta' Gunju 2000 a fol 27 tal-istess atti u dak verbalizzat a fol 28 ibid.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra r-rispettivi noti tal-partijiet a fol 33 u 35 tal-istess atti.

Ikkunsidra

Illi l-fond in kwistjoni ossija 11, Triq it-Torri fil-Belt Valletta kien gie akkwistat mill-Awtorita' kompetenti b'titolu ta' pussess u uzu permezz ta' Att Publiku maghmul fis-6 ta' Frar 1954 in atti Nutar Anthony Attard. In konnessjoni mal-istess fond ormai demolit u ma jesistix aktar stante li kien sitwat fejn hemm Misrah il-Helsien fil-Belt Valletta saret stima tal-kumpens dovut mill-intimati in rigward ix-xiri tal-istess "acquisition rent" (ara fol 5 tal-atti). In rigward l-istess

stima maghmula mill-Perit Mario Cilia , dan specifika, fix-xhieda tieghu li hu uza il-kriterji stipulati mill-ligi "in materia" sabiex jigi kalkolat il-kumpens dovut skond l-istess ligi. Difatti teswalment hu xehed "F'dan il-kaz kien hemm di gja "acquisition rent" ta' Lm12 fis-sena. Din tizdied b'erbghin fil-mija u imbaghad kapitalizzata "times twenty", kif spjegajt, bil-hamsa fil-mija" (ara l-artikolu 27 (13) tal-Kapitolu 88 citat).

Illi, filfatt, dan hu l-kriterju li hu stipulat mill-ligi sabiex jigi ffissat il-kumpens dovut bhal fil-kaz "In desamina" u mhix dak sottomess mill-intimati fir-risposta taghhom a fol 13 tal-istess atti (ara ukoll fol 29 u 26 ibid).

Illi, ghalhekk dak sottomess fir-rikors bhala kumpens li ghandu jithallas lill-intimati ghandu jigi akkolt minn dan il-Bord.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jiffissa il-kumpens relattiv ghall-akkwist tal-fond hawn fuq imsemmi u kif premess, l-ammont ta' Lm336 gja depositat b'cedola presentata fl-4 ta' Awissu 1998, liema ammont b'hekk jista' jigi liberament zbankat mill-intimati.

In rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg